**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-09 ta' Mejju 2017

Kawza numru: 61/2017 AM3

Numru fuq il-lista: 21

**Miller Distributors Limited (C-344) li b'digriet tat-3 ta' April 2017 l-isem tas-Socjeta' attrici giet sostitwit bl-isem Miller Newsprint Limited (C47443).**

**vs**

**Evvueni Bodishttamu**
**39, Villa Zerniq,**
**Triq l-Isturjun,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Jannar, 2017 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' elf tmien mija u sbatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€1,817.20c) in konnessjoni ma' bejgh u konsenja ta' prodotti lil konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' elf tmien mija u sbatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€1,817.20c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-'invoice' sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**